**Laqgha Numru 24/K6/2012 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

L-Erba' u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Gunju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jistenna lill-Kunsillier Lauro Fava minhabba li kien fit-triq.

Il-Kunsillier Lauro Fava informa lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg permezz ta' SMS li kien fit-traffiku u ghalhekk kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Is-Sindku Joe Zammit informa lil dawk prezenti li kien hemm quorum u ghalhekk il-laqgha setghet tibda. Il-kelliem qal li din il-laqgha kienet issejhet b'urgenza mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. **(Ara Dok. B)** Wara qara t-talba ta' qabel il-laqgha u ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 ta' Gunju 2012. L-Agenda kienet:

**01. Jum Pembroke 2012 – Girja madwar Pembroke.**

## 01. Jum Pembroke 2012 – Girja madwar Pembroke.

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-korrispondenza numru 46/4359/12/I u 46/4120/12/I **(Ara Dok C u D)** fejn ppropona li mal-programm ta' Jum Pembroke il-Kunsill bil-koperazzjoni tas-Sezzjoni Atletika – Pembroke Athleta, ghandu jizdied li jorganizza numru ta' fun runs madwar il-lokal bi hlas ta' €350.00, liema attivita' ghandha ssir nhar il-Hadd l-1 ta' Lulju 2012 inkluz li tinghata tifkira lil kull partecipant bhal ma jsir kull sena, jingiebu s-servizzi tal-Gwardjani Lokali u affarijiet ohra li jista' jkun hemm bzonn relatata.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.40pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |